MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 408/2001/1

**Graham u martu Giovanna Slack**

**vs**

**Elektra Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fit-13 ta' Marzu 2001 fejn gie premess:-

Illi l-attur kien wegga' dahru f'incident fuq il-post tax-xoghol fit-23 ta' April 1998 minn liema korriment irrizulta li l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' 5% wara li gie ezaminat mill-bord mediku tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Illi l-attur wara dan l-incident kien irritorna jahdem mal-konvenuti nomine izda fit-2 ta' Novembru 1999 waqt li l-attur kien qed jahdem b'inkarigu tal-kumpanija konvenuta bhala *"warehouse system co-ordinator"*, hu rega' korra serjament f'darhu meta meta l-lift li kien qieghed juza biex jitla' minn livell '0' ghal livell '2' tal-post tax-xoghol biex jiccekkja l-*istock* f'daqqa wahda waqaf, u waqa' bi skoss qawwi distanza ta' aktar minn tminn pulzieri. Dan l-incident irrepata ruhu darbtejn ohra, bil-lift jipprova jitla' u jerga' jaqa' bi skoss qawwi u kkaguna danni kif jirrizulta mill-anness Dokument "GS 1".Illi dan it-tieni incident aggrava serjament il-hsara li kien sofra l-attur f'dahru l-ewwel incident, u b'rizultat ta' dan it-tieni incident, l-attur gie ccertifikat minn Dr. Anthony Galea Debono li kien sofra dizabilita' permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%) (eskluza r-rata ta' 5% li sofra fl-ewwel incident), skond certifikat mediku hawn anness u mmarkat Dok. "GS2".

Illi bhala konsegwenza ta' dana l-incident l-attur gie dikjarat *unfit* ghal kwalunkwe tip ta' xoghol u l-impieg tieghu mal-kumpanija konvenuta gie terminat b'effett mit-3 ta' Novembru 200 u dana kif jirrizulta mill-anness dokument "GS3".

Illi dana l-incident gara minhabba t-tort u jew neglignza u jew nuqqas ta' osservazzanza tal-prekawzjonijiet mehtiega fil-harsien tas-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti nomine kif ukoll peress li dawn ma pprovdewx *'a safe system of work'*.

Illi l-konvenuti nomine gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni kollha izda baqghu inadempjenti.

Rat illi wara li dana gie premess mill-atturi, w huma talbu lil dina l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-korriment u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra l-attur fl-incident tat-2 ta' Novembru 1999 fuq riferit;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-ghajnuna ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.
Illi l-atturi talbu wkoll li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannatha thallas l-ispejjes ta' dawna l-proceduri, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Jannar 2001.Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda taghhom u d-dokumenti li pprezentaw.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata mis-socjeta' konvenuta fit-18 ta' April 2001 fejn eccepiet:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* li ma huma fl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attur billi l-incident mertu tal-kawza ma garax tort tal-eccipjenti ghaliex la kienu negligenti u lanqas traskurati kif allegat mill-istess attur.

(2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentatata tas-socjeta' attrici, il-lista tax-xhieda taghha, u d-dokumenti li esebiet.
Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace. Inghata digriet tal-affidavit attrici b'terminu ta' sittin (60) jum.

Rat in-nota tal-atturi datata 2 ta' Lulju 2001 li permezz taghha esebixxa zewg affidavits.

Rat il-verbali tal-10 ta' Ottubru 2001 fejn fuq talba kongunta tad-difensuri l-Qorti nnominat lil Mr. Charles Grixti bhala Espert Mediku biex jezamina lill-attur u jirrelata dwar id-dizabilita' permanenti tieghu wara li jiehu konjizzjoni tal-*history* mediku tal-istess attur mill-*file* relattiv; tal-10 ta' Jannar 2002 fejn xehdu Frank Azzopardi u Jason Dimech Galea. Il-Perit Mediku halef ir-rapport. Inghata digriet affidavit ghas-socjeta konvenuta b'terminu ta' sittin (60) gurnata.

Rat ir-rapport tal-Espert Mediku Mr. Charles Grixti.

Rat in-nota tal-attur tal-14 ta' Jannar 2002 fejn talab in-nomina ta' periti perizjuri ghar-rapport mediku tal-kirurgu Mr. Charles Griscti.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tat-22 ta' Frar 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit tad-direttur taghha Michael Ellul Vincenti.

Rat il-verbali tat-23 ta' April 2002 fejn xehdu Alan Abela u Michael Ellul Vincenti; tat-30 ta' Mejju 2002; u tas-17 ta' Ottubru 2002 fejn fuq talba ta' Dr. Joseph A. Schembri ghas-socjeta' konvenuta l-Qorti pprefiggiet terminu sa l-ahhar ta' Novembru ghall-prezentata ta' nota ta' sottomissjonijiet bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sal-ahhar ta' Dicembru 2002 biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 20 ta' Frar 2003.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbali kollha tas-seduti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) FATTI PROCESSWALI.

Illi dina l-kawza tikkoncerna talba ghall-hlas ta' danni minn impjegat li sofra dizabilita' allegatamwent bhala konsegwenza ta' ncident li sehh waqt li kien riekeb lift installat fil-post tax-xoghol fejn kien jahdem. L-impjegat jghid li l-lift waqaf u nizel f'daqqa tliet darbiet ghall-gharrieda ghal numru ta' pulzieri, bil-konsegwenza li huwa wegga' serjament dahru.

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur** jghid li:-

*“The lift in which I suffered my injury was a passenger lift, but it was also used by Elektra Limited to transport merchandise up to the second floor of the premises. I remember that during the days when I worked with Elektra Limited, the lift was very frequently out of order and often developed faults”* (fol 21).

Illi kemm l-attur kif ukoll martu **Giovanna sive Jane Slack** (li wkoll kienet tahdem mas-socjeta’ konvenuta) xehdu li ko-impjegat taghhom, Frankie Azzopardi, kien qalilhon li kien ghadda mill-istess esperjenza waqt li kien riekeb il-lift. Giovanna Slack xehdet li l-ghada tal-incident rat li kien hemm haddiema qieghdin isewwu l-lift (fol. 26). Hija kkonfermat li l-lift kien ta’ spiss ikun bil-hsara u dana kien ikollu jissewwa anke darbtejn fil-gimgha.

Illi **Frankie Azzopardi**, li meta sehh l-incident kien jahdem bhala *store keeper* mas-socjeta’ konvenuta, ikkonferma li kien ra lil Graham Slack hiereg mieguh mill-lift. *“Niftakar li staqsejtu x’gara u qalli li waqt li kien tiela’ bil-lift, il-lift kien waqaf u f’salt wiehed kien waqa’ bi skoss qawwi waqt li huwa kien gewwa fih. Niftakar f’dan l-incident Graham kien qalli li rrepeta ruhu darbtejn ohra fi ftit sekondi, u li huwa kien wegga’ dahru”* (fol. 38) (Ghalkemm dana l-affidavit ma huwiex iffirmat mix-xhud, il-kontenut tieghu gie kkonfermat waqt li kien qieghed jixhed *viva voce* fis-seduta tal-10 ta’ Jannar 2002).

Illi huwa spjega wkoll li aktar tard dakinhar tal-incident il-lift kien intefa’ sabiex ma jkunx jista’ jintuza, u li dakinhar jew l-ghada kienu saru xi tiswijiet fih (fol. 38).

Illi **Frankie Azzopardi** wkoll ikkonferma dak li xehdu l-konjugi Slack meta spjega li *“nghid illi l-incident li gara lil Graham Slack gara lili darba ukoll qabel, u dan nghid li kien madwar gimgha qabel l-incident ta’ Graham Slack. Niftakar li kont ghidt lil xi persuni dwar l-incident li kien sehh lili, pero’ ma niftakarx lil min kont ghidt dwar dan. Naf ukoll li dana l-lift kien ta’ sikwit jizviluppa hsarat, u niftakar ukoll li fost ohrajn kien hemm okkazjonijiet li jiena kont gol-lift u l-bibien kienu jehlu u ma jkunux jistghu jinfethu.*

*Dan il-lift huwa 'passenger lift' pero' fil-fatt il-Kumpanija kienet tuzah ukoll sabiex ittella' l-merkanzija t-tieni sular."*

Illi in kontro-ezami fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2002, Frankie Azzopardi qabel li kien proprju l-attur li kien responsabbli ghall-manutenzjoni tal-lift, u dana flimkien ma' Chris Potts, impjegat iehor li kien jahdem fl-*istores*. Mistoqsi sabiex jidentifika l-persuna li kien irrapporta l-hsara fil-lift meta kien beda jiskossja waqt li kien rikbu, ix-xhud inizjalment ma setghax jiftakar lil min kien kellem, ghalkemm wara qal li x'aktarx kien qal b'dan *"lil Graham jew lil Chris"* (fol. 57). Huwa jghid ukoll li kien jikkunsidra lill-attur bhala *supervisor* tieghu, fis-sens li kien jiehu ordinijiet minghandu.

Illi mpjegat iehor tas-socjeta' konvenuta, **James Dimech Galea**, li xehed permez ta' affidavit esebit a fol. 39 *et. seq.* (Anke l-kontenut ta' dana l-affidavit gie kkonfermat waqt li x-xhud kien qieghed jixhed *viva voce* fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2002). ikkonferma li l-attur kien wegga' fuq il-post tax-xoghol fit-2 ta' Novembru 1999. Anke dana x-xhud ikkonferma li l-lift kien ta' spiss ikun bil-hsara. Huwa jghid ukoll li *"………….. kien hemm okkazjonijiet li jiena kont gol-lift u l-lift kien jehel u ma kontx inkun nista' nohrog minn go fih. Dana l-lift huwa 'passenger lift' imma fil-fatt il-kumpanija kienet tuzah ukoll sabiex ittella' merkanzija ghat-tieni sular. Nghid li wara l-incident ta' Graham Slack, dan il-lift xorta wahda baqa' jizviluppa hafna hsarat".*

Illi meta xehed *viva voce* fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2002, ix-xhud (u dana mhux in kontro-ezami) qal li *"Il-lift kien jieqaf u konnha mbaghad nghidu lil Graham sabiex jigi, u jigu jsewwuh"* (Dan ikkonfermah ukoll in konrotroezami - fol. 69 - 70, fejn spjega wkoll li huwa kien jirraporta dan lill-attur peress li kien il-*manager* tieghu.) Huwa spjega wkoll li kull meta l-lift kien ikollu bzonn tiswija kienu jigu mmedjatament il-haddiema specjalizzati sabiex isewwuh. Ix-xhud spjega wkoll li dan il-lift ma giex installat hafna qabel l-incident, u li ma kienx jiftakar li dana kien jaghti hafna problemi (fol. 68).

Illi l-attur in kontro-ezami fis-seduta ta-10 ta' Jannar 2002 ikkonferma li gieli kien jigi rapportat lilu meta l-lift kien igarrab xi hsara.

Illi minn naha tas-socjeta' konvenuta ma jidhirx li kkontestat li l-lift kien problematiku, fis-sens illi ta' spiss kien jimmalfunzjona. Id-difiza tas-socjeta' konvenuta hija fis-sens li l-attur kien jaf bil-problemi li kien qieghed jiskontra l-lift, tant li kien ikun huwa stess li jirrapporta dawna l-hsarat ossija diffikultajiet. Hija ghalhekk issostni li l-attur kien negligenti meta uza l-lift, u li huwa naqas milli jiehu hsieb sabiex jizgura ruhu li jsiru r-riparazzjonijiet mehtiega.

Illi **Michael Ellul Vincenti,** direttur tas-socjeta' attrici, spjega l-verzjoni tieghu *tramite* affidavit esebit a fol. 87 *et. seq.* tal-process gudizzjarju. Huwa jghid li l-lift kien ilu nstallat ftit gimghat qabel l-incident wara li gie akkwistat mid-ditta Engenuity Limited. Huwa jghid li ma kienx intiz sabiex jintuza mill-klijenti li kienu jkunu fl-istabbiliment, ghalkemm il-lift huwa deskritt bhala *goods lift/passenger lift*. Dana jirrizulta wkoll minn kuntratt koncernanti l-akkwista tal-lift iffirmat bejn-socjeta' attrici u Engenuity Limited (esebit a fol. 89 *et. seq.* tal-process gudizzjarju).

Illi dwar il-funzjonament tal-lift, **Michael Ellul Vincenti** spjega li *"Wara li nstallajnih irrejalizzajna li dana l-lift kien, ta' spiss, qieghed jaghtina problemi fis-sens illi kien jieqaf bejn iz-zewg sulari u l-impjegati kienu jirrappurtaw dan il-fatt lill-attur u huwa kien jiehu hsieb sabiex icempel lill-fornituri tieghu u dawn kienu jigu jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Ghalina dawna kienu 'teething troubles' li kellna nitghallmu nimxu bihom. Meta kien jieqaf, kif ghadni kif ghidt, konnha nitfu l-komunikazzjoni tal-elettriku u nergghu nixgheluha u mmedjatament kien jinzel fis-sular ta' isfel ghaliex kien issettjat li jieqaf dejjem is-sular ta' isfel. Hekk kif kien jinzel kien jahdem regolari pero' t-teknici kienu jigu jaraw x'gara xorta wahda sabiex jippruvaw jiddecifraw x'kienet il-kawza tas-sospensjoni"*.

Illi kompla jghid li *"jiena qatt ma kont naf li l-lift qatt ta skossi qawwija bhal dawk li spjega l-attur. Sirt naf*

*b'okkazjoni ta' darba li gara l-istess haga, pero' sirt naf biha wara dan l-incident u lili hadd qatt ma qalli qabel. Naf li l-attur kien jaf biha ghaliex giet rapportata lilu u lili qatt ma qalli biha."*

Illi x-xhud spjega wkoll li Alan Abela, li huwa l-Managing Director ta' Engenuity Limited, fissirlu kif minhabba s-*safety systems* inkorporati fil-lift, ma kienx possibbli li jsehh l-incident kif spjegat mill-attur. Huwa spjega wkoll li wara li l-attur kien wegga' fl-ewwel incident (kif premess fic-citazzjoni tieghu, l-attur kien diga' wegga' fuq il-post tax-xoghol qabel l-incident mertu ta' dina l-kawza). Is-socjeta' Elektra Limited kienet assenjatlu *desk job* u li konsegwentement ma kienx mistenni jew pretiz minnu li joqghod jitla' u jinzel minn sular ghal iehor mal-merkanzija.

Is-socjeta' konvenuta esebiet certifikat rilaxxjat mill-Ingenjier Mark Perez (fol. 92) fejn jinghad li fis-27 ta' Settembru 1999 huwa ezamina l-lift u kkonferma l-*istandards* garantiti minn Engenuity Limited.

In kontroezami fis-seduta tat-23 ta' April 2002, Michael Ellul Vincenti spjega li l-lift kien ilu nstallat erba' xhur qabel ma sehh l-incident. Huwa kkonferma li, kif qal fl-affidavit tieghu, il-lift kien qieghed ikollu xi problemi li huwa attribwixxa ghal dak li jisejjah ir-*running in*. Il-problemi kienu frekwenti *"spiss, spiss, darbtejn fil-gimgha zgur li kienu jigu t-'technicans' tal-Engenuity Limited sabiex jaraw xi problema".* Huwa jghid li l-problema li bhala konsegwenza taghha wegga' l-attur giet solvuta wara li saru jafu biha. Infatti jghid:-

*"Dik il-problema li l-lift jaqa' f'salt mill-memorja tieghi giet solvuta ftit gimghat forsi wara l-incident"* ( fol. 99).

Illi bi twegiba ghad-domanda kemm kien ihabbathom il-lift, Michael Ellul Vincenti wiegeb f'dan il-mod:-

*"Gieli kien jaghmel gimgha minghajr problemi xejn u gieli f'gurnata kien jieqaf darbtejn tliet darbiet. Sewwa, konna ghadna bir-'running in' biex nghidu hekk, it was a new*

*installation. …….. Xi darbtejn fil-gimgha zgur li kienu jigu t-technicans tal-Engenuity biex jaraw il-problema".*

Illi mistoqsi ghaliex kienet ir-responsabilita' ta' l-attur li jiehu hsieb li l-lift jiffunzjona tajjeb, Michael Ellul Vincenti rrefera ghall-artikolu 4.11 tal-kuntratt ta' impieg ta' Graham Slack (esebit bhal dok. "GA 1" – fol. 94, 95) li jghid:

*"4.11. To ensure that the equipment used in all store areas is of a good standard and to suggest any ideas that can be implemented to improve efficiency of the Stores Department (reporting to the Managing Director)".*

Illi jigi rilevat ukoll li l-artikolu 4.12 tal-istess kuntratt jipprovdi li l-impjegat kellu s-segwenti obbligu:-

*"4.12. To report all structural defects in the stores are* (reporting to the Managing Director)."

Ta' rilevanza kbir kienet ix-xhieda moghtija fit-23 ta' April 2002 mill-ingenjier **Alan Abela**, Managing Director tal-kumpanija Engenuity Limited. Dana spjega li l-lift, li kien mibjugh u installat minn Engenuity Limited, kien passenger/goods lift. Huwa kkonferma li meta sehh l-incident il-lift kien ilu madwar xahrejn installat, u li huma kellhom jintervjenu diversi drabi sabiex isolvu diversi problemi li kienu nqalghu fil-lift. Ix-xhud ikkategorizza l-problemi hekk: *"problema wahda tkun li l-biebien tal-lift jaqbzu minn posthom, li hija haga relatively normal meta inti b'certu merkanzija jista' jkun li l-bieb jinqala' minn postu u tmur tirrangah. Problema ohra li l-lift kellu kien jehel sular u jiftah u jaghlaq il-bibien fl-istess sular………… u t-tielet problema nahseb jien mhux ghaliex ghamilt xi analizi li jista' jkun konness mal-incident kien l-lift ikun tielgha u f'daqqa wahda jieqaf."*

Ix-xhud jghid li kien spezzjona l-lift personalment sabiex jelimina l-ahhar problema *"………. u deher li l-lift hu u tielgha kien imiss wiehed mill-'locks' tal-bibien allura dak il-lift ma jistax jibqa' tielgha meta bieb ikun miftuh allura kien qisu qed haseb li hemm bieb miftuh u kien jieqaf."*

Illi x-xhud spjega li kien teknikament impossibbli li lift seta' jieqaf u jaqa'. L-aktar li seta' jaghmel kien li jieqaf f'salt. *"… il-lift ikun tielgha point six meters per seconds li hija velocita' mhux qawwija ekwivalenti ta' xi 'twenty kilometers per hour'. Jekk hu jkollu sinjal li hemm xi haga hazina jieqaf imma ma huwiex ser jieqaf b'xi 'brakes' u hekk kemm ser jintefa' l-mutur. Ovvjament meta ghandek oggett li qieghed jiccaqlaq u twaqqaf li qed taghtih il-power biex jiccaqlaq jieqaf 'suddenly'".* Ix-xhud spjega wkoll li minkejja l-lift ma jinzilx, passiggier li ma jkunx imdorri jista' jkollu s-sensazzjoni li jkun waqa'. Li l-lift jieqaf hesrem f'dawk ic-cirkostanzi x-xhud spjegah bhala *safety feature*.

Illi **Alan Abela** spjega li dana l-*fault* li bhala konsegwenza tieghu wegga' l-attur kien rapportat lilhom qabel ma sehh l-incident. Meta wegga' l-attur kien ix-xhud personalment li flimkien ma' haddiehor marru jidentifikaw il-problema. Huma ttantaw isolvuha pero skond ix-xhud *"ahna ssettjajna l-'locks' tal-bibien imma l-problema baqghet tirrikorri"* (fol. 116). Alan Abela spjega li ghalhekk indunaw li l-problema ma kenitx gejja mill-'locks' tal-bibien kif mahsub inizjalment, izda minhabba l-fatt li *"…….. il-lift huwa u tiela' u niezel kien hemm certu caqlieq li baqa' jmiss mal-'lock' kultant"*. Skond Alan Abela l-problema giet finalment rettifikata f'Dicembru tas-sena 1998, cirka tmien xhur wara l-incident li fih korra l-attur.

*Qorti*: *"Pero' li qed nipprova nghidlek jiena huwa, il-mistoqsija tieghi, intom kellkom rapporti simili qabel it-23 ta' April 1998 ?"*

*Xhud***:-** *"Iva".*

*Qorti:-* *"Jigifieri qabel qed nifhem, la darba grat fin-1998, fit-23 ta' April 1998, li qabel dik id-data ma kienux gew idenfikati li dan l-iswitch partikolari ma kienx gie identifikat?"*

*Xhud:-* *"Hekk jidhirli".*

Illi x-xhud ikkonferma wkoll li meta l-lift kien jieqaf f'dawk ic-cirkustanzi dana kien jiskossja. Mistoqsi min kien jirraporta l-*faults* minn-naha tal-Elektra Limited, ix-xhud identifika lil Michael Ellul Vincenti, John Giacchino u Chris Potts. Huwa ma ftakarx li l-attur kien cempel dwar dan

Illi Alan Abela qal ukoll li minkejja li kien hemm dina l-problema huwa ma kienux taw struzzjonijiet lil Elektra Limited sabiex ma tibqax tutilizza l-lift.

## III. L-ELEMENT TA' RESPONSABBILTA'.

Illi l-Qorti ma tezitax tinnota minnufih li mill-provi processwali rrizulta li minkejja li l-kumpanija konvenuta kienet a konoxxenza ta' rikkorrenza ta' dina l-problema, tant li Engenuity Limited giet mgharrfa biha u saru diversi tentattivi sabiex tigi korretta, kif ukoll diversi problemi ohra, il-lift baqa' jintuza.

Illi hawn il-Qorti tirrefri ghax-xhieda kollha miz-zewgt nahat tal-kawza u anke mis-socjeta' li effettivament installat l-istess lift li turi li ghalkemm l-istess lift kienu ilu biss ftit zmien li kien installat dan kellu diversi problemi, li wkoll gew imfissra fid-dettal mill-istess installatturi tal-apparat in kwistjoni; in effetti gie ammess li dawn huma problemi ta' *running in* tal-istess makkinarju, ghalkemm jidher ukoll mill-provi li s-socjeta' konvenuta, anke *tramite* s-socjeta' li nkarigat li tinstalla l jsewwi l-istess lift ma kienitx zgur sad-data tal-incident skopriet id-difetti jew ahjar in-nuqqas ta' thaddim sew tal-istess lift. Fil-fatt huwa ammess li l-ilment tal-attur gie biss eliminat jew solvut wara d-data tal-istess incident.

Illi minkejja dawn il-problemi kollha f'qasir zmien fl-istess lift jidher li l-istess socjeta' konvenuta, konxja dan kollu, naqset li taghti ordni lill-impjegati taghha kollha sabiex ma juzawx l-istess lift. Hawn, fil-fehma tal-Qorti l-istess socjeta' konvenuta naqset ghaliex hija fic-cirkostanzi kellha l-obbligu li twaqqaf l-utilizzar tal-lift sakemm dana jkun assolutament sikur u *safe* sabiex jintuza.

Illi fil-fatt tali rikorrenza ta’ malfunzjonament tal-istess lift minn gurnata ghall-ohra u spissi, li dwarhom jidher hemm qbil minn kull naha f’din il-kawza, juru bic-car li s-socjeta’ konvenuta messha waqqfet l-uzu tal-lift. Dina l-prewkawzjoni setghet tehoda fl-aktar mod facli billi titfi l-lift, u hekk kienet tizgura l-inkolumita’ ta’ kull min kien juza l-lift, inkluzi l-haddiema taghha.

Illi dan qed jinghad ukoll fl-isfond ta’ gurisprudenza tal-ahhar snin koncernanti r-responsabilitajiet ta’ min ihaddem versu l-impjegati tieghu, li hadet in kunsiderazzjoni dak li jipprovdi l-**artikolu 993 tal-Kodici Civili** li jghid hekk:-

*"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi".*

Illi fil-kawza deciza fit-30 ta' April, 1997, fl-ismijiet **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon et pro et noe”** (P.A. (N.A.) - Citaz. Numru 664/8/NA) intqal hekk:-

*"Dan l-artikolu (993) fuq kwotat igib bhala wiehed mill-obbligi effett ta' dawn il-kuntratt l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fl-ambjent tax-xoghol tieghu".*

Illi jigi relevat li *ai termini* tal-Att biex jippromwovi s**-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol – Att Numru VII ta’ l-1994** fl-**artikolu 2 (2)** tal-istess jinghad li:-

*Art. 2 (2) (a) “Illi huwa dmir ta’ min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita’ fizika u psikologika tal-haddiema”.*

*Art.2 (2) (b) “Huwa dmir ukoll ta’ min ihaddem li jizgura illi kull process ta’ xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista’ jigi evitat ghall-inkolumita’ fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu u ta’ haddiema impjegati minn*

*xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nnifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

Illi fl-isfond ta' dan kollu jirrizulta li l-lift provdut mis-socjeta' konvenuta ghall-uzu tal-istess haddiema taghha ma kienx qed jiffunzjona sew tant li jista' jinghad li kien difettuz, u li s-socjeta' konvenuta ghalkemm konoxxenti minn dan il-fatt tant li l-problemi f'dan il-lift gew deskritti bhala *'spissi'*, u wkoll mill-fatt, li skond ma kif xehdu rapprezentanti tal-istess socjeta' li installat l-imsemmi lift, ma hijiex haga rari, li tali apparat jsofri minn tali malfunzjonament fil-bidu tal-installar tieghu, hija xorta wahda halliet lill-impjegati taghha, fosthom l-attur, juzaw tali lift, tant li l-lift medessimu baqa' jintuza kemm ghall-garr tal-merkanzija u kemm mill-adetti tal-istess socjeta', bil-konsegwenza li fil-gurnata msemmija gara l-incident deskritt mill-attur, li bl-ebda mod ma gie kontradett.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta skond kif gie ritenut fis-sentenzi **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (.P.A. R.C.P. 25 ta' Jannar 2000); **"Eugenio Cassar vs Hallet Construction Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001); u **"Neville Desira et vs Grech & Co. Company Limited"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) "*ma pprovdietx dak li kellha tipprovdi "a safe system of work", b'dan li ma osservatx id-dover taghha li tippovdi post tax-xoghol li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha tal-istess utent taghhom.* ***("Carmelo Cini vs Carmel Caccopardo nomine" - N.A. 5 ta' Ottubru 1999);*** *fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza* ***"Borg vs Wells et nomine" (K. 9 ta' Settembru 1981)*** *illi "in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work", u dan tenut kont "tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq ix-xoghol".*

Illi tenut kont tal-principju stabilit fis-sentenza **"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon"** (P.A. 30 ta' April 1997),

reitterata fis-sentenzi **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999); **"Emmanuel Felice vs Freeport Terminal p.l.c."** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002); **"Carmel Baldacchino vs Freeport Terminal p.l.c."** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2002); u **"Anton Debono vs Law Qunitano"** (P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000) il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-artikoli appositi, huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu. Tal-istess portata hija s-sentenza ricenti **"Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited"** (P.A. (AJM) 26 ta' Frar 2001) fejn inghad li s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem.

Illi ghalhekk, isegwi li min ihaddem ghandu l-obbligu li jizgura ruhu li l-ambjent tax-xoghol huwa tali li l-impjegati tieghu ma jkunux esposti ghal risjki inutili. Fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Cini vs George Wells et. noe."** (Citaz. Numru 766/93 NA) deciza fid-29 ta' Mejju 2001, intqal li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li mill-gurisprudenza recenti tistabbilixxi inekwivokabilment li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem u f'dan ir-rigward issir riferenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **"John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999) u **"Joseph Cini vs George Wells pro. et. noe."** (P.A. 29 ta' Mejju 2001) fejn fl-ahhar decizjoni citata inghad illi:-

*"illi l-konvenuti naqsu mill-obbligu taghhom li jipprovdu kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu*

*s-sahha tal-haddiem. Huma kellhom jipprovdu sistema ta' supervizjoni fuq il-haddiema intiza sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern”*. *Vide* wkoll **“Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe”**. (P.A. (DS) 23 ta' Ottubru 2001**); “John Sultana vs Francis Spiteri et noe”** deciza fit-28 ta' Mejju, 1979, mill-Qorti tal-Kummerc; **“Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine”** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994), **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon”** (P.A. 30 ta' April 1997), u **“Carmel Cini vs Carmel Caccopardo nomine”** (P.A. NA 5 ta' Ottubru 1999).

Illi fil-kawza deciza minn dina l-Qorti fis-16 ta' Lulju 2001 fl-ismijiet **“Julie Scicluna pro. et. noe. vs Sammy Meilaq noe. et.”** (Citazzjoni numru 11/92 DS) gie ribadit li min ihaddem ghandu jipprovdi *“a safe system of work”* u *“a safe working environment”.* Dan id-dover jinkludi d-dover li l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi.

Illi f'dina l-kawza saret referenza ghal ***Munkman*** li fil-ktieb tieghu **“Employer's Liability at Common Law”** (7th ed. 1971, Butterworths, p. 129) jelenka diversi modi kif l-*employer* jista' jonqos milli jwettaq l-obbligi tieghu:-

*“1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligations.*

*2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it.*

*3. Thirdly, the employer, knowing of a defect in his plant or premises, or of a danger in the course of the work, may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.*

*4. Fourthly, though the employer does not know that anything is wrong, it may be that he ought to know – that is, he could have found out by reasonable care.”*

Il-Qorti apparti dan hija tal-fehma li s-socjeta' konvenuta ma rnexxiliex tipprova li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident, jew li huwa seta' b'xi mod jevitah. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-isimijiet **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et. noe."** (Citazjoni numru 275/88) deciza fis-7 ta' Dicembru 1994 irriteniet l-oneru tal-prova li l-impjegat kien negligenti jaqa' fuq min ihaddem:-

*"U dan sabiex jaghmel tajjeb ghal din l-aljenazzjoni ta' attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita`".*

Illi dan il-principju gie spjegat ukoll fil-kawza **"Borg vs Wells"** (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) fejn gie ritenut illi:-

*"In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in heir daily work, u dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

Illi sabiex ma jkun hemm l-ebda ekwivoku dwar dak li qieghda tghid il-Qorti, jerga' jigi ribadit li fil-fehma taghha ma rrizulta fl-ebda mod li l-impjegat seta' evita dana l-incident jew li huwa kkontribixxa ghalih. Huwa minnu li l-kuntratt ta' impieg tal-attur jistipula li l-attur kellu jiehu hsieb li l-*istores* kien *"of a good standard"* u li jirraporta kwalunkwe hsarat lill-Management, izda dana fl-ebda mod ma jista' jigi interpretat li jezonera lis-socjeta' konvenuta li twaqqaf l-uzu tal-lift meta kien evidenti li dana kien problematiku, u fi kwalunkwe kaz jirrizulta li kull darba li l-attur sar jaf b'xi hsarat huwa rraporta minnufih lis-superjuri tieghu, u wkoll li l-istess superjuri kienu jiehdu hsieb li jinformaw lis-socjeta' li nstallatu sabiex taghmel it-tiswijiet necessarji, pero' *nonostante* dan kollu s-socjeta' konvenuta qatt ma waqfet l-uzu tal-istess lift, *nonostante* li

kienet konnoxxenti tal-fatt li tali lift ma kienx qed jahdem sew.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

**(iv) DIZABILITA'.**

Illi dwar *damnum emergens*, minkejja li l-attur qal li kellu spiza rikorrenti ghax-xiri ta' medicini, huwa naqas milli jipprova dan permezz ta' ricevuti jew certifikati medici, u ghalhekk il-Qorti ma hija ser tattribwixxi l-ebda kumpens f'dan is-sens.

Illi ghal dak li jirrigwarda *lucrum cessans*, fir-rapport tieghu li jinsab esebit a fol. 40 et. seq. tal-process, l-espert mediku mqabbad mill-Qorti, Mr. Charles Grixti, stabbilixxa r-rata ta' dizabilita' sofferta mill-attur bhala konsegwenza taz-zewg incidenti fir-rata ta' 15%. Sfortunatament, ix-xhud ma qalx kemm kienet id-dizabilita' li kien inkorra minhabba l-ewwel incident. Madankollu, jidher li ma huwiex kontestat li dana l-persentagg kien 5% (kif mistqarr mill-attur fil-premessi tieghu u konfermat minnu.

Illi l-introjtu ta' l-attur meta sehh l-incident kien ta' erbat elef u disa' mitt lira u wiehed u erbghin centenzu (Lm4,941) fis-sena *(FSS Payee Statement of Earnings* - Dok. "GS 5" a fol. 23). Meta sehh l-incident l-attur kellu 43 sena.

Illi l-Qorti ser tadopera adoperat *multiplier* ta' tmintax (18)-il sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:-

- Lm4,941 x 18 x 10% = Lm8,893.80c

In vista tal-gurispudenza recenti mbaghad, in vista tal-fatt li ghaddew hames (5) snin minn meta sehh l-incident u b'rifernza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agistino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren**

**Sammut vs Eric Zammit”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001) la darba ghaddew kwazi hames (5) snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux akun ta’ aktar min 6% b’dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b’Lm533.62,8 ghall-Lm8,360.17.

Illi ghalhekk it-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici ghandhom jigu milqugha fl-ammont ta’ tmient elef, tlett mija u sittin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm8,360.17).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta**, tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

(1) Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghall-korriment u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra l-attur fl-incident tat-2 ta’ Novembru 1999 fuq riferit;

(2) Tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ tmient elef, tliet mija u sittin lira Maltija u sbatax il-centezmu (Lm8,360.17).

(3) Tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta’ tmient elef, tliet mija u sittin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm8,360.17) bhala l-ammont ta’ danni hekk llikwidati u sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-istess incident.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Jannar 2001 u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------